**Extra omnes**

"Extra omnes!" qal iċ-ċeremonjier,
Kollha 'l barra dawk li mhux tal-mistjier.

Huma jridu jtellgħu l-Papa għallum,
Biex jgħinna ninħelsu minn dan l-irdum.

Ħa nħarsu mela b'tama u b'kuraġġ,
Għax Kristu żgur ha jdawwalna b'dar-raġġ.

Ta' tama kbira f'daż-żmien hekk iebes,
Għinna Mulej ngħixu bla mittiefes.

L-evangelju tiegħek b'ħafna mħabba,
Biex il-virtù fostna lkoll titrabba.

'Il barra minna kull ġibda ħażina,
Li tagħmel lil ħajjitna miskina.

Nitolbu biex illum qabel għada,
Il-Mulej jagħtina dak il-Papa.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.